MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-22 ta' April, 2009

Numru 417/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**versus**

**George Galea (ID 499671)**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra George Galea ta’ 32 sena iben George u Evelyn nee Urry imieled Paola fl-20 ta’ Settembru 1971 u joqgħod Redeemer No 17 Triq Xandru Farrugia Tarxien detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 499671(M)

(a) Akkużat talli fit-12 ta’ Settembru 2003 għall-ħabta tat-3.15 pm fil-Marsa volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħadd ieħor u cioe’ fil-propjeta’ ta’

Vincent Azzopardi, liema ħsara tammonta għal iżjed minn Lm50  u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b) u aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirksotanzi ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Jonathan Azzopardi

(ċ) u aktar talli rrenda ruħu reċidivi ai termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu jew jitħassru.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tat-twelid ta' George Galea li jġib in-numru 4996 tas-sena 1971 u jinsab a fol 14 u l-fedina penali tiegħu li tinsab a fol 15;  il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji li jinsab a fol 16;  il-kunsens ta' George Galea li għandu 33 sena sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji a fol 19 u 20;  l-istqarrija magħmula minn George Galea ID499671(M) fit-12 ta' Settembru 2003 u li tinsab a fol 32;  id-dokument CD4  a fol 34 li huwa l-current incident report;  l-istima tal-ħsarat minn Aluminium Work a fol 38 kif wkoll l-istima magħmula minn F Falzon Woodworks lil tinsab a fol 39;  is-sentenza a fol 57 fl-ismijiet 'Pulizija vs George Galea ID 499671M';  current incident report ieħor li jidher a fol 68 u l-verbal li bih din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u ta' l-abbli difensur.

Ikkonsidrat.

L-ispettur Carlo Ellul ppreżenta l-istqarrija magħmula minn George Galea a fol 25 kif wkoll vera kopja ta' l-okkorrenza fir-records tal-Ħamrun u żewġ stimi li kienu ppreżentati lill-ispettur stess.  Skond l-ispettur, dan kien hemm bieb ta' l-

aluminium u wara kien hemm bieb tal-kewba jew xi injam ieħor. Il-ħġieġ ta' l-aluminium inkiser u kien hemm biċċa ħadida fuq il-post u l-ħġieġ għamel xi ħsara fuq il-bieb ta' wara tal-bieb tal-kewba. Kien hemm żewġ bibien involuti. U għal hekk kien hemm żewġ kontijiet.

Mill-istqarrija ta' George Galea ID 499671M, jirriżulta illi George Galea l-iben kien mar jiltaqa' mal-missier fi Pjazza Bar. Huwa qal illi ċertu Jonathan Azzopardi kien tah daqqa ta' ponn u lil George Galea ID 499671M kien ħariġlu d-demm. Dan George Galea kien mar jiġri warajh. Huwa caħad illi kien ħa ħadida mill-van tiegħu biex jiġri wara dan Jonathan. Caħad ukoll illi waddab din il-kanna fid-direzzjoni ta' saqajn Jonathan. Huwa qal illi malli Jonathan daħal id-dar, Jonathan kien sabbat il-bieb ta' l-aluminium bil-ħġieġ. Huwa qal li ma kienx jaf kif inkiser il-bieb u lanqas kien ra l-kanna bejn il-bieb ta' l-aluminium u l-bieb tal-kewba. Huwa ċaħad li kien miss il-bieb tal-ħġieġ f'xi hin. Huwa mar wara bil-van tiegħu registration number TUN 333 li kien pparkjat ħdejn il-ħanut Pjazza Bar u saqu lejn id-dar ta' Jonathan u saqu b'lura fuq il-bankina (fol 29) fid-direzzjoni tal-faċċata ta' l-istess dar. L-imputat qal:

'Jiena ma nafx ilqattux jew le imma jiena ma smajtx ħġieġ jinkiser. Naf li lqatt ftit il-ħajt tal-granit. Jiena imbgħad tlaqt 'l hemm.'

Dwar id-demm li kien hemm fuq il-faċċata u l-bieb qal li dan kien tiegħu ghax lilu kien ħariġlu d-demm. Huwa baqa' jiċħad illi għamel xi ħsarat fil-bieb ta' barra jew parti minnu.

Kienu ppreżentati wkoll żewġ kontijiet, wieħed li jammonta għal LM190 u ieħor għal Lm230, jiġifieri total ta' Lm420 u dan huwa tal-ħsarat illi saru kemm fil-bieb ta' barra bil-panewijiet b'kollox.

Xehed Mario Bonnici minn Ħaż Żebbug li qal li l-bieb tal-Marsa kien sewa' Lm190. Qal li din kienet stima pero' imbagħad għamlu huwa stess. Ix-xhud qal li l-bieb li kien hemm rah qabel u li l-bieb li għamel hu kien isbah minn

dak li kien hemm qabel. Il-bieb li kien hemm qabel kien jiswa' madwar Lm140.

L-ispettur Carlo Ellul ppreżenta tliet sentenzi. Waħda minnhom ngħatat fit-30 ta' Jannar 1996 kontra George Galea illi twieled fis-sena 1971 u li kienet sentenza ta' sitt xhur priġunerija sospiżi għal sentejn u li għal hekk sakemm seħħ l-allegat reat, kienu għaddew il-ħames snin li jitlob l-Artikolu 50.

Xehed PS 768 Silvio Brincat illi qal illi Jonathan Azzopardi kien għamel rapport fl-għassa tal-pulizija fit-12 ta' Settembru 2003. F'dan ir-rapport kien qal illi George Galea ż-żgħir kien ta daqqa ta' ponn fuq dahar Azzopardi. Dan Jonathan Azzopardi kien rritalja. Jonathan Azzopardi kien allega wkoll li saret ħsara fil-bieb tad-dar. Ix-xhud kompla jgħid illi kien kellem lill-imputat u dan kienu nnega kollox. L-istess xhud qal illi kien mar fuq il-post u ra l-ħġieġ imkisser. U fuq il-post la kien hemm George Galea l-anzjan u lanqas iż-żgħir. Il-ġirien ma kinux taw informazzjoni iktar utli lill-pulizija.

Il-Qorti semgħet wkoll lit-tabib Briffa jgħid illi hu kien eżamina lil Jonathan Azzopardi u sablu stretch marks fuq dahru u fuq għonqu u a small bruise over the left cheek bone. Huwa kien kklassifika dawn bħala ta' natura ħafifa. Huwa ppreżenta ċertifikat u meta kien mistoqsi biex saru dawn l-injuries, it-tabib qal illi ma jiftakarx jekk qallux jew le Jonathan Azzopardi biex kienu saru.

Fit-28 ta' Novembru 2006 (fol 73) il-prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-ġudizzju fis-sens li l-proċeduri kontra l-imputati Galea jimxu għalihom u dawk fil-konfront ta' l-imputat Azzopardi jimxu għalihom. Il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat is-separazzjoni tal-ġudizzju. Hawn hekk il-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha wara li l-ispettur Carlo Ellul spjega li mar diversi drabi jħabbat għand Jonathan Azzopardi pero dan qatt ma fetaħ il-bieb.

<u>Trattazzjoni</u>

Fit-trattazzjoni l-ispettur Carlo Ellul rrimetta ruħu għall-provi li kien hemm waqt illi l-Avukat Dr. Jose Herrera kien mogħti ċ-ċans illi jagħmel xi sottomissjonijiet bil-miktub. Għalkemm dawn jidhru f'isem George Galea wieħed, huwa afferma seduta stante illi kienu jgħoddu għat-tnejn. Huwa qal illi l-punt prinċipali kien il-ħsarat fuq il-bieb tad-dar ta' l-allegat vittma. Huwa qal li l-imputat għandu jiġu lliberat ghaliex il-prosekuzzjoni ma ppruvatx b'mod sodisfaċenti l-allegazzjonijiet tagħha. Il-prosekuzzjoni ġabet prova li l-bieb kellu ħsara. Ġabet ukoll prova li l-allegat vittma u l-imputati kellhom tilwima. Fil-kamp kriminali jeħtieġ illi l-prova tkun beyond reasonable doubt u l-prova li ġabet il-prosekuzzjoni mhix biżżejjed għal dan l-iskop.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti fliet l-atti tal-proċess u mkien ma sabet li ta x-xhieda tiegħu Jonathan Azzopardi, l-allegat vittma tal-ġrieħi.

Id-difiża ssottomettiet li :

'L-aktar prova importanti li rriżultat hija l-fatt li fuq domanda tad-difiża l-vitma ammetta li ma ra lil ebda wieħed mill-imputati jagħmel ħsara fil-bieb.'

Dan mhux totalment korrett għaliex il-vittma ma xehedx u min qal dak il-kliem kien effettivament kin PS 768 a fol.65. Il-vittma fir-rapport tiegħu lill-Pulizija kien saħansitra qal li fuq il-mobile kien qed jirċievi messaġġi li George Galea senior kien qed ikisser il-bieb tad-dar. (Ara l-current incident report a fol.70).

Biss dan ir-rapport qatt ma kien ikkonfermat minn Jonathan Azzopardi.

Wara li stabbiliet dan, il-Qorti eżaminat tajjeb dak li kien qal George Galea junior lill-Pulizija fl-istqarrija tiegħu tad-19 ta' Settembru 2003.

Dan l-ewwel qal li ma kienx jaf kif inkiser il-bieb (ara fol.29)

Imbagħad qal:

***<u>"Jiena mort għall-vann tiegħu bin-numru tar-Reġistrazzjoni TUN 333 li kien ipparkjat ħdejn il-ħanut Pjazza Bar, soqtu lejn id-dar ta' Jonathan u soqtu b'lura fuq il-bankina fid-direzzjoni tal-faċċata ta' l-istess dar. Jien ma nafx jekk ilqattux jew le l-bieb imma jien ma smajtx ħġieġ jinkiser. Naf li lqatt ftit il-ħajt tal-granit. Jiena mbaħgad tlaqt 'l hemm.'</u>***

Minn dan il-kliem jirriżulta ċar li George Galea junior saq deliberatament minn Pjazza Bar għad-dar ta' Jonathan Azzopardi u dan l-imputat ammetta li saq b'lura għal fuq il-bankina fid-direzzjoni tal-faċċata ta' l-istess dar.

Il-Qorti qed tikkonkludi li kien l-imputat George Galea (junior) li għamel il-ħsara fil-bieb tad-dar ta' Vincent Azzopardi (missier Jonathan Azzopardi). Is-sekwenza tal-ġrajja kif diskritta mill-imputat stess fl-istqarrija (fol.29) turi intenzjoni l-aktar ċara li li jagħmel ħsara lill-bieb tad-dar ta' Vincent Azzopardi u li kien hu li wettaq din il-ħsara. Il-kontijiet li nġiebu bħala prova juru li l-ħsara tassew ġrat. Xejn ma jiswa li dan l-imputat jgħid li ma semax il-ħġieġ jinkiser għax hemm provi ċarissimi ta' x'għamel hu (a) għax dan qalu hu stess u (b) ta' x'kien l-effett ta' x'kien għamel.

Dwar l-ammont tal-ħsara din żgur laħħqet it-Lm370 ukoll jekk wieħed inaqqas Lm50 (li tirriżulta mix-xhieda ta' min għamel il-bieb) li hi d-differenza tal-valur xi ftit aktar għoli li fl-aħħar sew l-bieb il-ġdid.

Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat George Galea (ID 499671(M)) ħati ta' l-ewwel imputazzjoni.

Dwar it-tieni imputazzjoni – feriti ħfief fuq il-persuna ta' Jonathan Azzopardi – il-Prosekuzzjoni ppruvat li saru l-feriti fuq l-allegat vittma iżda m'hemx provi b'saħħithom biżżejjed biex jorbtu dawn il-ġrieħi ħfief ma' xi aġir ta' l-

imputat. Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

Dwar it-tielet imputazzjoni fil-konfront ta’ George Galea (junior) kienet ippreżentata sentenza tat-30 ta’ Jannar 1996. Din kien hemm kundanna ta’ multa kif ukoll ta’ sentenza sospiża ta’ sitt xhur priġunerija. Minħabba li din is-sentenza ma kenitx teċċedi l-ħames snin priġunerija u minħabba li kienu għaddew aktar minn ħames snin minn meta kienet ppronunzjata s-sentenza sa meta seħħ ir-reat, il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni wkoll.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 325(1)(b), 49, 50, 221(3)(b) tal-Kap 9 qegħda:

issib lil George Galea (junior)( ID 499671(M)) ħati ta’ l-ewwel imputazzjoni u qed tilliberah mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni. Fiċ-ċirkustanzi, il-Qorti ma jidhrilhiex li piena karċerarja hija l-aktar waħda idonea u minflok qed tapplika l-artikolu 21 u qed tikkundanna lill-imputat iħallas multa ta’ 698.81 Euros (sitt mija u tmienja u disgħin Euro u wieħed u tmenin ċenteżmu) (Lm300 (tliet mitt lira Maltija).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------